MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 162/1997/1

Fortunato Curmi, Nazzareno Curmi, Loreto Curmi, Anthony Curmi, Carmen Zerafa, Victoria Galea, Joseph Curmi, Mary Jane Galea, Emmanuela Zerafa u Peter Paul Curmi

vs

Josephine Curmi u Francis Curmi

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni l-atturi jghidu:

Illi fit-3 ta' Mejju 1992 miet f'Victoria, Ghawdex, Francesco Curmi iben il-mejtin John u Victoria nee' Buttigieg imwieled Sannat fejn kien joqghod. Huwa miet intestat u

ghalhekk l-eredita' tieghu iddevolviet 'ab intestato' favur il-hdax uliedu cioe' l-atturi flimkien mal-konvenuta Josephine Curmi fi kwoti wgwali u indivizi bejniethom (dok.A);

Illi fis-26 ta' Marzu 1997 mietet f'Victoria, Ghawdex, Margaret Curmi mart l-imsemmi Francesco Curmi u bint il-mejtin Fortunato Mercieca u Carmela nee' Said mwielda u kienet toqghod Sannat, Ghawdex, li rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment tal-20 ta' Marzu 1997 ricevut minn Nutar Dottor Paul George Pisani li permezz tieghu halliet legat lill-konvenut Francis Curmi konsistenti fid-dar ta' l-abitazzjoni taghha fil-waqt li hatret lil hdax-il uliedha bhala eredi universali taghha (dok.B u C);

Illi l-assi ereditarji ta' l-istess Margaret Curmi jikkonsistu principalment jekk mhux esklussivament fid-dar ta' l-abitazzjoni fuq imsemmija liema dar giet legata lill-konvenut Francis Curmi suppost sabiex jigi kkumpensat ghall-servigi rezi;

Illi permezz ta' noti prezentati quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja l-atturi rrinunzjaw ghall-eredita' ta' l-imsemmija Margaret Curmi waqt li zammew fermi l-jeddijiet taghhom ghal-legittima skond il-ligi;

Illi l-atturi jridu li tigi diviza bejniethom u l-konvenuta l-eredita' ta' l-imsemmi Francesco Curmi u li tigi assenjata lilhom il-legittima li tigihom skond il-ligi mill-eredita' tal-imsemmija Margaret Curmi;

Illi billi fid-disposizzjonijiet testamentarji taghha Margaret Curmi bil-legat fuq imsemmi eccediet is-sehem li minnu setghet tiddisponi, u ghalhekk l-atturi jridu li dak il-legat jigi mnaqqas sabiex tkun tista' tigi lilhom assenjata l-legittima. L-atturi qeghdin jikkontestaw li kien dovut lill-konvenut Francis Curmi xi hlas ghas-servizzi, kuri u assistenzi rezi u d-dikjarazzjoni fit-testment imsemmi saret bi skopijiet frawdolenti sabiex jigu mxejna l-jeddijiet legittimarji ta' l-atturi;

Talbu ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tahtar amministratur sabiex jamministra l-beni ppossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta' l-Artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Francesco u Margaret konjugi Curmi billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

3. taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Curmi;

4. tillikwida l-assi partikolari ta' Francesco Curmi billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

5. taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' Francesco Curmi fi hdax-il porzjon li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-atturi u porzjon ohra lill-konvenuta Josephine Curmi;

6. kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmi Francesco Curmi jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit mill-kontendenti barra l-konvenut Francis Curmi ugwalment bejniethom;

7. tilllikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmija Margaret Curmi billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

8. tillikwida u tassenja lill-atturi l-porzjon riservata lilhom mil-ligi bhala legittima mill-assi ereditarji ta' ommhom u dan anki billi jigi ridott u mnaqqas il-konsistenzi tal-legat ordnat favur il-konvenut Francis Curmi ai termini ta' l-Artikolu 647 sa 653 tal-Kodici Civili;

9. tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att opportun ta' divizjoni u assenjazzjoni ta' legittima f'dik id-data, lok u hin li jigu ffissati minn din il-Qorti bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata f'Gunju 1997 u ta' l-ittra interpellatorja spedita fis-6 ta' Gunju 1997.

Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigi ngunti.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti;

Rat n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. li l-legat li gie mholli mill-konvenut Francis Curmi minn Margerita Curmi fit-testment taghha illi sar fl-20 ta' Marzu 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani huwa wiehed rimuneratorju u dan peress illi l-istess Francis Curmi ippresta kontinwament u ghal diversi snin servigi, kuri u assistenzi lill-istess Margerita Curmi kif espress minna stess fit-testment hawn fuq indikat;

2. li peress li s-servigi, kuri u assistenzi rezi mill-konvenut Francis Curmi kienu ta' entita kbira kif jigi pruvat waqt il-kors tal-kawza l-istess konvenut jinsab kreditur tal-mejtin Margerita u Francesco Curmi f'ammont ben akbar minn dak imholli lilu bhala legat rimuneratorju minn Margerita Curmi;

3. li ghalhekk dan il-legat kien biss hlas ta' debitu u l-legittma talvolta kompetenti lill-atturi trid tigi komputata wara li jigi sodisfatt il-kreditu ta' l-esponenti Francis Curmi;

4. li oltre dan l-atturi ma gabu 'l quddiem ebda raguni ghalfejn dan il-legat rimuneratorju m'ghandux jigi osservat interament u fuq din il-bazi din il-kawza saret inutilment u vessatorjament u ghalhekk l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati interament mill-istess atturi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat folio 25 in-nomina minn dina l-Qorti diversament preseduta tal-Avukat Alfred Grech bhala perit legali u l-AIC Joseph Mizzi bhala perit tekniku;;

Rat folio 32 illi l-Avukat Dr Alfred Grech gie sostitwit bl-Avukat Dr Carmelo Galea;

Rat fol. 54 ir-relazzjoni ta' Dottor Carmelo Galea debitament mahlufa;

Rat fol. 125 ir-relazzjoni tal-AIC Joseph Mizzi debitament mahlufa;

Rat folio 135 in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi;

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-kawza hija wahda ta' divizjoni u ksib tal-legittima. Titratta b'mod partikolari jekk il-legat li thalla lill-konvenut Francis Curmi huwiex wiehed ta' natura rimuneratorja jew huwiex wiehed gratuwitu.

L-isfond taghha jinsab ben spiegat fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici fejn jinghad li l-assi in divizjoni huma dawk tal-genituri tal-kontendenti, b'eskluzzjoni tal-konvenut Francis Curmi, li mhuwiex binhom, izda li lilu gie imholli l-legat tad-dar numru 14, Triq Ta' Cenc, Sannat, Ghawdex.

Illi mhux kontestat illi l-genituri tal-kontendenti, Francesco u Margaret Curmi, mietu rispettivament fit-3 ta' Mejju 1992 u 26 ta' Marzu 1997 - ta' l-ewwel intestat, waqt li l-omm

mietet b'testment tal-20 ta' Marzu 1997 atti Nutar Paul George Pisani. Hu proprju b'dan it-testment ta' l-omm li thalla l-legat tad-dar kif accennat fuq.

Intant bl-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin isaqsu li jigi diviz bejn l-ahwa kollha, fin-numru ta' hdax, l-beni gia proprjeta' ta' missierhom, u li, in kwantu l-beni ta' l-omm, tigi likwidata u assenjata lilhom, il-legittima "billi jigi ridott u jitnaqqas il-konsistenza tal-legat ordnat favur il-konvenut Francis Curmi ai termini ta' l-Artikolu 647 sa 653 tal-Kodici Civili" stante d-dikjarazzjoni minnhom, permezz ta' noti li pprezentaw quddiem din il-Qorti qua Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghall-eredita' ta' ommhom u jzommu ferm l-jedd taghhom ghal-legittima.

Illi huwa ghalhekk mehtieg, fl-isfond ta' dan li ghadu kif intqal hawn fuq, li l-ewwel u qabel kollox, jigu identifikati l-beni rispettivi tal-genituri u f'dan il-kuntest jirrizulta li:

- l-assi tal-missier jikkonsisti:

i fin-nofs indiviz ta' bicca raba li fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku (fol.126) hi imsejha 'Ta' Dun Nastas' b'kejl ta' 574.5 metri kwadri, li tinsab barra miz-zona ta' l-izvilupp, kif murija fil-pjanti fol.127/129, tal-valur l-intier ta' Lm1530 - ossija ta' valur in-nofs indiviz appartenenti lill-missier stmat Lm765;

- l-assi ta' l-omm jikkonsisti:

i. fin-nofs indiviz tal-ghalqa fuq imsemmija ta' valur dan in-nofs indiviz ta' Lm765;

ii. fid-dar ta' abitazzjoni numru 13/14 Triq Ta' Cenc, Sannat, bil-mandra annessa murija fil-pjanta fol.130 stmata Lm85,000;

iii. f'Lm60 kontanti li nstabu d-dar;

l-intier tal-imsemmija assi stmat f'valur ta' Lm85,771,

b'daqstant u bil-konsegwenza illi fil-waqt li fil-konfront in-nofs indiviz tal-ghalqa l-kontendenti, hlief ghal Francis Curmi, jispettahom wiehed minn hdax kull wiehed u wahda bhala sehem, mhux hekk fir-rigward l-assi ta' l-omm fejn l-atturi ghandhom wiehed minn ghoxrin parti kull wiehed u wahda minnhom waqt li l-konvenuta Josephine Curmi ghandha n-nofs indiviz – Artikolu 616 Kap 16.

Illi hu fil-kuntest ta' dawn il-beni ta' l-omm li ghandu issa jigi kkunsidrat l-legat imholli minnha bit-testment taghha tal-20 ta' Marzu 1997 favur il-konvenut Francis Curmi, neputi taghha. Dan il-legat hu fit-termini kif ser jigi hawn riprodott u jaqra illi:

"*It-testatrici thalli b'titolu ta' legat a favur tan-neputi taghha Francis Curmi bin Lawrence Curmi u Giuseppa nee' Curmi (din Giuseppa tigi bint it-testatrici) il-lok ta' djar tar-residenza taghha numru erbatax (14) gja tlettax u erbatax (13, 14) Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, bil- mandra annessa, bil-mobbli kollha kontenenti a limine intus, eskluz biss flus u moneta kontanti. It-teatatrici tiddikjara illi qeghdha tordna dana l-legat biex b'xi mod tpatti ghas-servigi, kuri u assistenzi kollha li l-imsemmi neputi taghha rrendilha sal-lum u ta' dawk li ghad jirrendilha fil-futur*".

In propositu tal-legittima l-Artikolu 620 tal-Kap 16 jipprovdi inter alia, li ghandha tinghata fi proprjeta' shiha u t-testatur ma jista' jghabbiha b'ebda piz jew kundizzjoni, li tinqies fuq l-assi kollu wara li jitnaqsu d-djun ta' l-assi u l-ispejjez tal-funeral, u li fl-assi ghandu jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ikun iddispona favur xi hadd – ergo, l-kwezit, jekk l-legat imholli mill-omm lin-neputi, l-konvenut Francis Curmi, huwiex gratuwitu jew inkella rimuneratorju.

Illi l-perit legali tratta dan il-punt funditus fir-relazzjoni tieghu, u, a bazi tal-ligi u l-provi, kkonkluda li l-legat ghandu jitqies wiehed gratuwitu u kwindi passibbli ghar-

riduzzjoni kemm-il darba l-assi ta' l-omm m'huwiex sufficjenti sabiex jissodisfa l-legittima ta' l-atturi.

Illi din il-Qorti taqbel fi shih ma' dak li ssottometta l-perit legali u a skans ta' ripetizzjoni, qeghdha taghmel pjena referenza ghar-relazzjoni tieghu (fol.54), taddottha b'mod partikolari l-paragrafi minn 46 sa 55 taghha.

Illi ghandu hawnhekk jirrizulta illi l-assi ta' l-omm, eskluz il-legat, m'humiex sufficjenti biex ikopru l-legittima spettanti lill-atturi u ghalhekk il-legat, intiz bhala wiehed gratuwitu, ghandu jigi ridott sabiex jaghmel tajjeb ghal-legittima. Ghalhekk lill-atturi, dejjem mill-assi ta' l-omm u bhala legittima, jispettahom ai termini tal-Artikolu 616 u 620 tal-Kap 16, percentwali f'legittima ta' wiehed minn ghoxrin parti kull wiehed u wahda minnhom b'daqstant illi l-valur tal-legat tad-dar (meta tigi licitata) ghandu jsofri tnaqqis ta' l-ammont ekwivalenti l-legittima u r-rimanenti jmur favur il-legatarju.

Illi ghandu allura jsegwi li:

(a) in kwantu ghall-ghalqa 'Ta' Dun Nastas', lill-atturi jispettahom is-sehem ta' wiehed minn tnejn u ghoxrin parti ndivizi kull wiehed u wahda minnhom, waqt li r-rimanenti tlieta minn tnejn u ghoxrin parti indivizi jispettaw lill-konvenuta Josephine Curmi. Billi l-ghalqa m'hijiex komodament divizibbli dina ghandha tigi licitata u r-rikavat jigi spartit bejn l-atturi u l-imsemmija Josephine Curmi fil-kwoti kif hawn imsemmija;

(b) in kwantu d-dar bil-mandra annessa b'dak kollu li tikkontjeni pero' eskluzi flus jew titoli rapprezentanti flus u mhollija legat lill-Francis Curmi hi wkoll ghandha tigi licitata b'dan li mir-rikavat l-legittimarji (ossija l-atturi) jispettahom wiehed minn ghoxrin parti lil kull wiehed u wahda minnhom u l-kumplament jittiehed mill-legatarju Francis Curmi.

(c) in kwantu jirrizulta li l-unici assi monetarji jikkonsistu fis-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) fuq l-istregwa tal-massima *"de minimis non curat praetor"* din

is-somma ghandha tittiehed fl-intier mill-konvenuta Joseph Curmi.

Illi f'dan is-sens qeghdha ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddecidi l-kawza.

Ghal dawk li huma spejjez tal-kawza tordna li dawn ghandhom jigu sopportati bejn il-kontendenti kollha, eskluz il-legatarju Francis Curmi, skond il-kwota taghhom mill-wirt.

**ADDENDA**

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali

Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona LL.D, Mag. Jur. (EU Law)

Fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru: 162/1997 fl-ismijiet:

Fortunato Curmi et

Vs

Josephine Curmi et

Wara r-rikors tal-konvenuti Josephine Curmi u Francis Curmi tat-13 ta' Frar 2009

Illum 30 ta' Marzu 2009

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet preċedenti tagħha;

Rat ir-risposta tal-atturi tal-25 ta' Frar 2009;

Rat in-nota tal-konvenuti Josephine Cumri u Francis Curmi tal-4 ta' Marzu 2009;

Rat illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-kwoti spettanti lill-kondividenti huma dawk kif indikati fir-risposta tal-atturi tal-25 ta' Frar 2009.

Għaldaqstant, u a tenur tal-artikolu 825(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tikkoreġi s-sentenza tagħha mogħtija fl-10 ta' Mejju 2006 fis-sens illi:

Fil-paragrafu (a) tad-deċide l-kliem: "in kwantu għall-għalqa *Ta' Dun Nastas*, lill-atturi jispettahom is-sehem ta'

wieħed minn tnejn u għoxrin parti indiviżi kull wieħed u waħda minnhom, waqt li r-rimanenti tlieta minn tnejn u għoxrin parti indiviżi jispettaw lill-konvenuta Josephine Curmi," jiġu sostitwiti bil-kliem: **"in kwantu għall-għalqa *Ta' Dun Nastas* lill-atturi jispettahom is-sehem ta' wieħed u tletin parti minn erba' mija u erbgħin parti indiviżi (31/440) kull wieħed u waħda minnhom, waqt li r-rimanenti tlettax minn erbgħa u erbgħin parti indiviżi (13/44) jispettaw lill-konventua Josephine Curmi";**

Filwaqt illi l-paragrafu (b) tad-deċide għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"in kwantu d-dar bil-mandra annessa b'dak kollu li tikkontjeni però esklużi flus jew titoli rappreżentanti flus u mħollija legat lil Francis Curmi hi ukoll għandha tiġi liċitata b'dan illi mir-rikavat l-leġittimarji (ossija l-atturi) jispettahom wieħed minn tnejn u għoxrin parti (1/22) lil kull wieħed u waħda minnhom u l-kumplament jittieħed mil-legatarju Francis Curmi."**

Dr Antonio Micallef Trigona
Magistrat

Anthony Mizzi
Deputat Reġistratur
Vera Kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------